DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/322

tat-18 ta' Frar 2022

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) b'rabta mal-adozzjoni tal-emendi għall-Annessi 1, 6 sa 10, 14 u 17 għall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (il-Konvenzjoni ta' Chicago), li tirregola t-trasport internazzjonali bl-ajru, daħlet fis-seħħ fl-4 ta' April 1947. Hija stabbiliet l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO).

(2) L-Istati Membri tal-Unjoni huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Chicago u membri tal-ICAO, filwaqt li l-Unjoni għandha status ta' osservatur f'ċerti korpi tal-ICAO. Bħalissa hemm seba' Stati Membri rrappreżentati fil-Kunsill tal-ICAO.

(3) Skont l-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, il-Kunsill tal-ICAO ser jadotta standards u prattiki rakkomandati ('SARPs') internazzjonali, u jiddeżinjahom bħala Annessi għall-Konvenzjoni ta' Chicago.

(4) Waqt il-225 sessjoni tiegħu, il-Kunsill tal-ICAO ser jadotta l-Emenda 178 għall-Anness 1, l-Emenda 47 għall-Parti I tal-Anness 6 l-Emenda 40 għall-Parti II tal-Anness 6, l-Emenda 24 għall-Parti III tal-Anness 6 l-Emenda 7 għall-Anness 7, l-Emenda 109 għall-Anness 8, l-Emenda 29 għall-Anness 9, l-Emenda 91 għall-Volum IV tal-Anness 10,, l-Emenda 17 għall-Volum I tal-Anness 14 u l-Emenda 18 għall-Anness 17 għall-Konvenzjoni ta' Chicago kif stabbilit fl-Ittri tal-Istat AN 12/1.1.25-20/112, AN 11/1.1.34-20/75, AN 3/45-20/85, AN 3/1.2-20/76, AN 7/1.3.105-20/42, SP 55/4-20/94, AS 8/2.1-21/48 Kunfidenzjali, u KE 6/3 – 21/67.

(5) L-għan prinċipali tal-Emenda 178 għall-Anness 1 għall-Konvenzjoni ta' Chicago huwa li tippermetti l-implimentazzjoni ta' sistema elettronika ta' liċenzjar tal-persunal bil-ħsieb li tittejjeb l-effiċjenza.

(6) L-għan prinċipali tal-Emendi 47, 40 u 24 għall-Partijiet I, II u III, rispettivament, tal-Anness 6 huwa li jissaħħaħ il-qafas legali biex ir-reġistraturi tat-titjiriet jibqgħu tajbin għas-servizz, li jiġu ċċarati d-dispożizzjonijiet relatati mal-operazzjonijiet b'ħin ta' devjazzjoni estiż (EDTO) u mal-ġkieket tas-salvataġġ għat-trabi, li s-sistemi ta' twissija ta' qrubija lejn l-art (GPWS) jkunu magħmulin obbligatorji fuq ċerti ajruplani, li jiżdied standard ġdid biex, f'ċerti kundizzjonijiet, l-ajruplani jiġu mgħammra b'sistemi ta' għarfien u ta' twissija dwar ħruġ mir-runway (ROAAS), li jipprovdi kreditu operazzjonali fil-kuntest tal-minimi operattivi tal-ajrudrom ibbażati fuq il-prestazzjoni (PBAOM), li jiġi żgurat li jkun hemm disponibbli faċilitajiet u servizzi adegwati ta' salvataġġ u ta' tifi tan-nar (RFF) fl-ajrudrom tal-operat maħsub, li jiġu aġġornati d-dispożizzjonijiet relatati mas-sostituti offshore għal operazzjonijiet tal-ħelikopters fuq distanza twila u li jiżdiedu dispożizzjonijiet relatati mat-trasport ta' oġġetti perikoluż bil-ħelikopter u li jiġu aġġornati dispożizzjonijiet tat-taħriġ relatati.

(7) L-għan prinċipali tal-Emenda 7 għall-Anness 7 għall-Konvenzjoni ta' Chicago hija li jiġi ffaċilitat it-trasferiment ta' inġenju tal-ajru minn Stat għall-ieħor billi jiġi addattat il-mudell għaċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni u jiġi introdott mudell għaċ-ċertifikat tat-tneħħija tar-reġistrazzjoni.

(8) L-għan prinċipali tal-Emenda 109 għall-Anness 8 għall-Konvenzjoni ta' Chicago huwa li tittejjeb iċ-ċarezza, li jiġi żgurat li l-Istati li japprovaw kwalunkwe modifika u tiswija jkollhom fehim ċar tar-responsabbiltà tal-ajrunavigabbiltà kontinwata tagħhom u li jiġu ċċarati l-kapaċitajiet tad-disinn tas-soppressjoni tan-nirien fil-kompartiment tal-merkanzija f'ajruplani kbar, f'ħelikopters u f'ajruplani żgħar.

(9) L-għan prinċipali tal-Emenda 29 għall-Anness 9 għall-Konvenzjoni ta' Chicago huwa li tittejjeb it-tħejjija tal-Istati għal pandemiji futuri billi jinsiltu tagħlimiet tal-pandemija tal-COVID-19 u jiġu stabbiliti miżuri adegwati għal pandemiji futuri. L-Emenda 29 tindirizza wkoll il-ġlieda kontra t-traffikar ta' bnedmin permezz tas-SARPs. Barra minn hekk, fiha emendi żgħar iżda utli għad-dispożizzjonijiet tal-Anness 9 għall-Konvwnzjoni ta' Chicago dwar titjiriet ta' ripatrijazzjoni u t-trasport bl-ajru ta' passiġġieri b'diżabilità, u emenda għan-noti fit-taqsima tad-data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) dwar it-terminu "push".

(10) L-għan prinċipali tal-Emenda 91 għall-Volum IV tal-Anness 10 għall-Konvenzjoni ta' Chicago huwa li tiġi introdotta Sistema għall-Evitar ta' Kolliżjonijiet fl-Ajru (ACAS) X u li titnaqqas l-okkorrenza ta' twissijiet foloz tal-ACAS.

(11) L-għan prinċipali tal-Emenda 17 għall-Volum I tal-Anness 14 għall-Konvenzjoni ta' Chicago huwa li tiġi eskluża l-avjazzjoni ġenerali mid-dispożizzjonijiet ta' salvataġġ u ta' tifi tan-nar (RFF).

(12) L-għan prinċipali tal-Emenda 18 għall-Anness 17 għall-Konvenzjoni ta' Chicago huwa li tintroduċi SARPs ġodda u li temenda s-SARPs eżistenti relatati mal-kultura tas-sigurtà, programmi ta' sigurtà tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru, metodi biex jiġu identifikati l-isplussivi fil-bagalji tal-istiva, u programmi nazzjonali dwar il-kontroll tal-kwalità tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili.

(13) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill tal-ICAO, peress li l-Emenda 178 għall-Anness 1, l-Emenda 47 għall-Parti I tal-Anness 6, l-Emenda 40 għall-Parti II tal-Anness 6, l-Emenda 24 għall-Parti III tal-Anness 6, l-Emenda 7 għall-Anness 7, l-Emenda 109 għall-Anness 8, l-Emenda 29 għall-Anness 9, l-Emenda 91 għall-Volum IV tal-Anness 10, l-Emenda 17 għall-Volum I tal-Anness 14 u l-Emenda 18 għall-Anness 17 għall-Konvenzjoni ta' Chicago huma kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni, jiġifieri r-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 ([1]), (UE) Nru 1332/2011 ([2]), (UE) Nru 965/2012 ([3]), (UE) Nru 139/2014 ([4]) u (UE) 2015/640 ([5]), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998 ([6]) u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2018/1139 ([7]).

(14) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-225 sessjoni tal-Kunsill tal-ICAO jew fi kwalunkwe sessjoni sussegwenti fir-rigward tal-adozzjoni tal-Emenda 178 għall-Anness 1, l-Emenda 47 għall-Parti I tal-Anness 6,, l-Emenda 40 għall-Parti II tal-Anness 6, l-Emenda 24 għall-Parti III tal-Anness 6, l-Emenda 7 għall-Anness 7, l-Emenda 109 għall-Anness 8, l-Emenda 29 għall-Anness 9, l-Emenda 91 għall-Volum IV tal-Anness 10, l-Emenda 17 għall-Volum I tal-Anness 14 u l-Emenda 18 għall-Anness 17 għall-Konvenzjoni ta' Chicago jenħtieġ li tappoġġa dawk l-Emendi fl-intier tagħhom. Dik il-pożizzjoni jenħtieġ li tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kunsill tal-ICAO, li jaġixxu b'mod konġunt f'isem l-Unjoni.

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 311, 25.11.2011, p. 1).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1332/2011 tas-16 ta' Diċembru 2011 li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni dwar l-użu tal-ispazju tal-ajru u l-proċeduri operattivi għall-evitar ta' kolliżjonijiet fl-ajru (ĠU L 336, 20.12.2011, p. 20).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2014 tat-12 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti u proċeduri amministrattivi b'rabta mal-ajrudromi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 44, 14.2.2014, p. 1).

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/640 tat-23 ta' April 2015 dwar l-ispeċifikazzjonijiet addizzjonali tal-ajrunavigabbiltà għal tip partikolari ta' operazzjonijiet u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 965/2012 (ĠU L 106, 24.4.2015, p. 18).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998 tal-5 ta' Novembru 2015 li jistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni(ĠU L 299, 14.11.2015, p. 1).

([7]) Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE talParlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91(ĠU L L 212, 22.8.2018, p. 1).

(15) Il-pożizzjoni tal-Unjoni wara l-adozzjoni mill-Kunsill tal-ICAO tal-Emenda 178 għall-Anness 1, l-Emenda 47 għall-Parti I tal-Anness 6, l-Emenda 40 għall-Parti II tal-Anness 6, l-Emenda 24 għall-Parti III tal-Anness 6, l-Emenda 7 għall-Anness 7, l-Emenda 109 għall-Anness 8, l-Emenda 29 għall-Anness 9, l-Emenda 91 għall-Volum IV tal-Anness 10, l-Emenda 17 għall-Volum I tal-Anness 14 u l-Emenda 18 għall-Anness 17 għall-Konvenzjoni ta' Chicago, li ser jitħabbru mis-Segretarju Ġenerali tal-ICAO permezz ta' proċedura ta' ittra tal-Istat tal-ICAO, jenħtieġ li tkun li ma tiġix irreġistrata diżapprovazzjoni u li tiġi notifikata l-konformità, dment li dawk l-Emendi jiġu adottati mingħajr bidliet sostanzjali. Huwa xieraq ukoll li tiġi stabbilita l-proċedura segwita għan-notifika tad-differenzi lill-ICAO f'każ li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tiddevja mis-SARPs li jkunu għadhom kif ġew adottati wara d-data prevista tal-applikazzjoni ta' dawk is-SARPs. Fir-rigward tad-differenzi mal-istandards li jinsabu fl-Annessi 1, 6, 8 u 14 tal-Konvenzjoni ta' Chicago li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, tapplika d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1092 ([8]). Dik il-pożizzjoni jenħtieġ li tiġi espressa mill-Istati Membri kollha tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-225 sessjoni tal-Kunsill tal- Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, jew fi kwalunkwe sessjoni sussegwenti, għandha tkun li l-Emenda 178 proposta għall-Anness 1, l-Emenda 47 għall-Parti I tal-Anness 6, l-Emenda 40 għall-Parti II tal-Anness 6, l-Emenda 24 għall-Parti III tal-Anness 6,, l-Emenda 7 għall-Anness 7, l-Emenda 109 għall-Anness 8, l-Emenda 29 għall-Anness 9, l-Emenda 91 għall-Volum IV tal-Anness 10, l-Emenda 17 għall-Volum I tal-Anness 14 u l-Emenda 18 għall-Anness 17 u għall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali jiġu appoġġati fl-intier tagħhom.

2. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni, dment li l-Kunsill tal-ICAO jadotta mingħajr tibdil sostanzjali l-Emendi msemmija fil-paragrafu 1,għandha tkun li ma tiġix reġistrata diżapprovazzjoni u li tiġi nnotifikata l-konformità ma' kull emenda adottata bi tweġiba għall-ittra tal-Istat rispettiva tal-ICAO.

F'każ li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tkun differenti mill-istandards li jinsabu fl-Annessi għall-Konvenzjoni ta' Chicago msemmija fil-paragrafu 1, kif emendati mill-ICAO, wara li jsiru applikabbli, u b'hekk tkun tenħtieġ in-notifika tad-differenzi ma' dawk l-Annessi f'konformità mal-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, il-Kummissjoni għandha, fi żmien debitu u mill-inqas xahrejn qabel l-iskadenza stabbilita mill-ICAO għan-notifika tad-differenzi, tippreżenta lill-Kunsill, għad-diskussjoni u l-approvazzjoni, dokument preparatorju li jistabbilixxi d-differenzi dettaljati li għandhom jiġu nnotifikati lill-ICAO f'isem l-Unjoni mill-Istati Membri.

Minkejja t-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, f'każ li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tkun differenti mill-istandards li jinsabu fl-Annessi 1, 6, 8 u 14 tal-Konvenzjoni ta' Chicago kif emendati mill-ICAO, sa fejn tali standards jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, wara li jsiru applikabbli, u b'hekk tkun meħtieġa n-notifika tad-differenzi ma' dawk l-Annessi f'konformità mal-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fl-ICAO fir-rigward tan-notifika ta' tali differenzi għandha tiġi stabbilita abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1092.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1(1) għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kunsill tal-ICAO, li jaġixxu b'mod konġunt.

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1(2) għandha tiġi espressa mill-Istati Membri kollha tal-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1092 tal-11 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi l-kriterji u l-proċedura għan-notifika tad-differenzi dwar l-istandards internazzjonali adottati mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza tal-avjazzjoni (ĠU L 236, 5.7.2021, p. 51).

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Frar 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J.-Y. LE DRIAN